# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**Aġent President**
**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**
**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 6 ta' Mejju, 2025.**

**Numru 1**

**Rikors numru 1086/12/2**

**Joseph u Francesca konjuġi Ghiller**

**v.**

**AAG Limited u Antonia Attard Gialanzè**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar rikors li ġie preżentat mill-kumpanija AAG Limited u Antonia Perini, ġjà Attard Gialanzè (minn issa «ir-ritrattandi»), fl-4 ta' Lulju 2024, li bih talbu lil din il-Qorti tħassar, tirrevoka u tikkanċella abbażi tal-Artikolu 811(b) u (e) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili d-dikriet ta' deżerzjoni tal-15 ta' Frar 2024 kif ukoll is-sentenza

mogħtija minn din il-Qorti, kif diversament presjeduta, fl-20 ta' Ġunju 2024, u konsegwentement tordna r-ritrattazzjoni tal-appell.

2. Il-proċeduri bejn il-kontendenti nbdew b'rikors ġuramentat li ġie preżentat mill-konjuġi Ghiller (minn issa «ir-ritrattati») fit-30 ta' Ottubru 2012 u li bih huma talbu lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili:

> "1. Tiddeċiedi u tiddikjara illi l-intimati poġġew xogħlijiet, ossia balavostri tal-ġebel, fuq il-ħajt diviżorju li jaqsam il-proprjetajiet rispettivi, bi ksur tal-artikolu 419 tal-Kodiċi Ċivili u b'tali mod li jikkawżaw ħsara lir-rikorrenti li ma jkunux jistgħu jgħollu l-istess ħajt diviżorju a tenur tal- artikolu 414 tal-Kodiċi Ċivili.
>
> 2. Tiddeċiedi u tiddikjara illi l-intimati abbużivament poġġew tegole, ossia madum, tal-asbestos li jestendu u jinvadu għal fuq il-proprjetà tar- rikorrenti, oltre li jidderiġu l-perkolazzjoni tal-ilma għal fuq il-proprjetà tar-rikorrenti.
>
> 3. Tiddeċiedi u tiddikjara illi l-intimati abbużivament għamlu fetħa fil-ħajt diviżorju u ħolqu tieqa bi prospett għal fuq il-proprjetà tar-rikorrenti.
>
> 4. Tiddeċiedi u tiddikjara illi l-intimati tellgħu bini fil-proprjetà tagħhom f'bogħod inqas minn tliet (3) metri mil-linja tal-konfini bi ksur tal-Artikolu 435 tal-Kodiċi Ċivili.
>
> 5. Tordna li jitneħħew l-imsemmija xogħlijiet u bini u tingħalaq l- imsemmija tieqa fi żmien qasir u perentorju li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tipprefiġġi u, fin-nuqqas li jagħmlu dan, tawtorizza lir- rikorrenti jagħmlu huma x-xogħlijiet meħtieġa a spejjeż tal-intimati jew min minnhom, u dan kollu okkorrendo taħt is-sorveljanza ta' periti nominandi.
>
> 6. Tiddikjara li l-intimata kkawżat danni lir-rikorrenti meta għamlet ħsara f'tieqa proprjetà tar-rikorrenti.
>
> 7. Tillikwida l-imsemmija danni, okkorrendo bin-nomina ta' periti.

8. Tikkundanna lill-intimati, jew min minnhom, iħallsu lir-rikorrenti d- danni hekk likwidati.

Bir-riżerva għal kull azzjoni fil-liġi u bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tat-28 ta' Ġunju 2011 u tal-24 ta' Lulju 2012, kontra l-intimati, inġunti għas-subizzjoni."

3. Il-konvenuti, issa ritrattandi, ikkontestaw dawn it-talbiet b'risposta ġuramentata li ġiet preżentata fis-7 ta' Diċembru 2012 u li biha eċċepew dan li ġej:

"1. Illi fl-ewwel lok Antonia Attard Gialanzè għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju peress li l-proprjetà tal-fond "Pink House", 16, Triq Santu Rokku, Kalkara hija proprjetà ta' AAG Limited u għalhekk mhix il-leġittima kontradittriċi.

2. Illi bla preġudizzju għas-suespost, it-talba numru wieħed (1) tar- rikorrenti ma tistax tintlaqa' peress li ma tinkwadra ruħha fl-ebda waħda mill-istanzi li jelenka Artikolu 414 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi fi kwalunkwe każ ir-rikorrenti ma jistgħux jutilizzaw id-dritt tagħhom ta' inalzament tal-istess ħajt għar-raġunijiet li se jiġu spjegati fil-kors tal- kawża. Għalhekk din it-talba għandha tkun miċħuda.

3. Illi t-*tegole* msemmijin fit-tieni talba ilhom hemm mill-1991, u dawn saru bil-konsapevolezza tal-awturi tal-istess rikorrenti. Illi fi kwalunkwe każ is-soċjetà eċċipjenti lesta li tieħu kwalunkwe passi biex tevita li l-ilma jaqleb għall-proprjetà tar-rikorrenti.

4. Illi kwantu għat-tielet talba huwa assolutament mhux minnu li l-intimati jew min minnhom għamlu b'mod abbużiv fetħa fil-ħajt diviżorju u ħolqu tieqa bi prospett. Din it-tieqa dejjem kienet eżistenti minn żmien immemorjali u hija di fatti servitù, fost oħrajn, għad-dawl u l-arja. Fil- verità r-rikorrenti ma jistgħux jaċċettaw li l-fond tagħhom huwa wieħed servjenti għas-servitù.

5. Kwantu għar-raba' talba dak li qed jintalab mhux ċar biżżejjed għax irid ikun speċifikat għal liema bini qiegħed jingħad li mhux mibni fid- distanza hemm ċitata, u f'dan is-sens l-intimati qed jirriżervaw li

> jressqu eċċezzjonijiet ulterjuri wara li tkun kjarifikata din it-talba. Jekk ir- referenza hi għall-bini diġà eżistenti, ta' wara l-balavostri, irid jingħad illi l-azzjoni li qed jittentaw ir-rikorrenti hi fi kwalunkwe każ preskritta peress li dawn l-istrutturi li talvolta jistgħu qed jagħmlu referenza għalihom ir- rikorrenti ilhom mibnijin mill-1991. Illi di più dawn saru bil-konsapevolezza tal-awturi tar-rikorrenti u dan kif se jigi ppruvat fil-kors ta' din il-kawża.
>
> B'riżerva għal eċċezzjonijiet ulterjuri. Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti."

4. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili mbagħad iddisponiet mill-kawża b'sentenza mogħtija fl-1 ta' Lulju 2012, li permezz tagħha (i) ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti; (ii) laqgħet l-ewwel tliet talbiet tal-atturi; (iii) ċaħdet ir-raba' talba tal-atturi għal dikjarazzjoni li l-konvenuti tellgħu bini fil-proprjetà tagħhom f'bogħod inqas minn tliet metri mil-linja tal-konfini, bi ksur tal-Artikolu 435 tal-Kodiċi Ċivili; (iv) ordnat lill-konvenuti biex fi żmien tletin jum mid-data tas-sentenza jneħħu l-balavostri tal-ġebel minn fuq il-ħajt diviżorju u jagħlqu t-tieqa li hemm fl-istess ħajt diviżorju taħt is-sorveljanza tal-Perit Mario Cassar u awtorizzathom biex jagħmlu x-xogħlijiet huma bi spejjeż tal-konvenuti jekk kemm-il darba l-konvenuti ma jħarsux dan it-terminu ta' żmien; (v) laqgħet is-seba' u d-disa' (*recte*: tmien) talbiet tal-atturi billi ordnat lill-konvenuti jħallsu lill-atturi danni fl-ammont ta' €80 bl-imgħax minn dakinhar tas-sentenza; u (vi) ordnat li l-ispejjeż tal-kawża, ħlief dawk marbuta mar-raba' talba, jitħallsu solidalment bejn il-konvenuti, filwaqt li l-ispejjeż marbuta mar-raba' talba jitħallsu mill-atturi.

5. Ir-ritrattandi appellaw b'rikors tas-17 ta' Lulju 2020, li bih talbu r-riforma tas-sentenza appellata fis-sens li tikkonfermaha fejn laqgħet l-ewwel, it-tieni u r-raba' talba iżda tħassarha fejn laqgħet it-tielet, il-ħames talba, is-seba' u d-disa' talbiet u minflok tiċħadhom, bl-ispejjeż kontra l-atturi, issa ritrattati.

6. L-atturi ġew notifikati bl-appell fit-23 ta' Lulju 2020, u wieġbu għalih fis-7 ta' Awwissu 2020. Ma' din ir-risposta, huma interponew ukoll appell inċidentali li permezz tiegħu talbu r-riforma tas-sentenza fis-sens li din titħassar biss sa fejn ġiet miċħuda r-raba' talba li kellha minflok tiġi milqugħa.

7. Ir-ritrattandi wieġbu għal dan l-appell inċidentali fil-25 ta' Awwissu 2020.

8. L-appell ġie appuntat għas-smigħ quddiem din il-Qorti, kif diversament presjeduta, għall-15 ta' Frar 2024. Mill-atti jirriżulta li l-avviż għas-smigħ u għall-kawtela tal-appell ġie notifikat fit-30 ta' Novembru 2023.

9. Fl-udjenza tal-15 ta' Frar 2024, ma deher ħadd mir-ritrattandi, u deher biss l-avukat tar-ritrattati. Din il-Qorti, wara li rat li l-avviż għall-kawtela kien notifikat u li l-kawtela ma saritx, iddikjarat l-appell prinċipali

deżert, u ordnat it-tkomplija tas-smigħ limitatament għal dak li jirrigwarda l-appell inċidentali.

10. Fil-15 ta' Marzu 2024, ir-ritrattandi Perini ressqet rikors fejn, wara li ppremettiet li mill-atti jirriżulta biss li kienet il-kumpanija AAG Limited li ġiet notifikata bl-avviż għall-kawtela, u li skont l-Artikolu 185 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili l-konvenuti appellanti kellhom jiġu notifikati separatament, talbet it-tħassir *contrario imperio* tad-dikriet tad-deżerzjoni u l-appuntament mill-ġdid tal-appell prinċipali tagħha.

11. Din it-talba ġiet miċħuda b'dikriet tal-25 ta' Marzu 2024.

12. Sar rikors ieħor mill-istess ritrattandi Perini fit-13 ta' Ġunju 2024 għar-rikonsiderazzjoni u għas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza dwar l-appell inċidentali. B'dikriet mogħti fit-2 ta' Lulju 2024, dan ir-rikors ġie mwarrab.

13. Sadanittant l-appell inċidentali tar-ritrattati ġie deċiż b'sentenza tal-20 ta' Ġunju 2024, li biha l-istess appell ġie miċħud, bl-ispejjeż kontra r-ritrattati.

14. Kif ingħad, fl-4 ta' Lulju 2024 ir-ritrattandi ressqu rikors taħt l-Artikolu 811 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, li bih qed

jitolbu t-tħassir tad-dikriet tad-deżerzjoni mogħti fil-15 ta' Frar 2024, kif ukoll tas-sentenza tal-20 ta' Ġunju 2024, u s-smigħ mill-ġdid tal-appell.

15. Ir-ritrattati wieġbu fid-29 ta' Lulju 2024. Inżamm smigħ fil-11 ta' Marzu 2025 li matulu saru sottomissjonijiet bil-fomm mid-difensuri tal-kontendenti.

16. Fit-tweġiba tagħhom, ir-ritrattati mhux biss taw ir-raġunijiet għaliex skonthom it-talbiet tar-ritrattandi kellhom jiġu miċħuda, iżda wkoll issollevaw bħala preġudizzjali l-improponibilità tar-ritrattazzjoni, billi sostnew li mhux mogħti r-rimedju tar-ritrattazzjoni sabiex jiġi mpunjat dikriet ta' deżerzjoni.

17. Il-Qorti sejra qabel xejn tqis din il-preġudizzjali.

18. Il-kwistjoni hija jekk hux mogħti r-rimedju tar-ritrattazzjoni meta d-deċiżjoni impunjata tkun dikriet u mhux sentenza. L-Artikolu 811 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jgħid li: «*Kawża deċiża b'sentenza mogħtija fi grad ta' appell jew mill-Qorti Ċivili, Prim Awla, fil-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha, tista', fuq talba ta' waħda mill-partijiet li jkollha interess, tiġi ritrattata, wara li qabel xejn tiġi mħassra dik is-sentenza, għal waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin...*». Din id-

dispożizzjoni ġiet diversi drabi interpretata b'mod li teskludi mit-tifsira tagħha dikrieti.

19. Hekk, per eżempju, fid-deċiżjoni ***Joseph Portelli v. Onorevoli Prim Ministru et*** (Qorti Kostituzzjonali, 17 ta' Novembru 1993)[1] ingħad espressament li r-rimedju tar-ritrattazzjoni huwa eskluż meta l-provvediment impunjat ikun jikkonsisti minn dikriet interlokutorju, billi dawk ix-xorta ta' dikrieti ma jaqtgħux il-kwistjoni ta' bejn il-kontendenti u huma solitament diretti lejn ir-regolamentazzjoni tas-smigħ tal-kawża. Fid-deċiżjoni ***Paul Abela et v. Victor Chircop et*** (Prim'Awla, 24 ta' Novembru 2000)[2] intqal illi: «*Is-smigħ mill-ġdid, jew ritrattazzjoni, ta' kawża li tkun maqtugħa huwa rimedju straordinarju li jingħata meta jkun hemm xi waħda miċ-ċirkostanzi msemmija fl-art. 811 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Il-kawża li jridu li tinstema' mill-ġdid l-atturi hija kawża li ma ngħatatx sentenza fiha*[3]*, u għalhekk ma hix kawża "deċiża"*».

20. Il-kwistjoni ġiet approfondita fid-deċiżjoni ***Philip O. Gatt pro et noe et v. Adrian Busietta pro et noe*** (Prim'Awla, 9 ta' Mejju 2002):

> "Illi, għalhekk, il-qofol tal-kwestjoni huwa jekk il-provvediment mogħti fit-8 ta' Jannar, 2001, kienx degriet jew kienx sentenza. Il-Qorti hija tal-fehma li dak il-provvediment kien degriet. Tifhem dan għaliex

[1] Kollezz. Vol.LXXVII.i.149.
[2] Mhux pubblikata.
[3] Għax ġiet dikjarata deżerta.

kieku kien sentenza, kien ikun iddeċieda l-kwestjoni u temmha u ma kienx ikun hemm għalfejn li, bis-saħħa tiegħu jinbdew proċeduri oħra. Fil-każ preżenti, hekk kellu jsir u fil-fatt inbdew proċeduri għal sejba ta' disprezz min-naħa tal-atturi: ma kienx ikun hemm ħtieġa ta' tali proċeduri kieku l-provvediment tat-8 ta' Jannar, 2001, iddeċieda b'mod definittiv li l-atturi kienu ħatja ta' disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti;

Illi, minbarra dan, il-fatt li l-provvediment huwa motivat ma jirrendihx b'daqshekk f'sentenza: l-ebda parti tal-liġi ma tgħid li degriet ma jibqax tali jekk titniżżel fih ir-raġuni għaliex il-Qorti tkun waslet għal dik il-fehma tagħha. Min-naħa l-oħra, dak li jiswa mhijiex l-għamla jew id-dettal tal-provvediment daqskemm in-natura tad-dispożittiv tiegħu. Fil-każ partikolari, id-dispożittiv tal-provvediment lamentat nissel proċediment ġdid u mhux għalaq id-dibattitu tal-kwestjoni mqanqla bir-rikors promotur;

Illi, ladarba l-provvediment lamentat mhux sentenza kif il-liġi tifhem il-kelma, ma jistax jingħata r-rimedju tas-smigħ mill-ġdid kif kontemplat mill-artikoli 811 jew 812 tal-Kap 12, u għalhekk l-ewwel eċċezzjoni tal-imħarrek tidher mistħoqqa;

Illi ingħad għadd ta' drabi li l-ħtiġijiet proċedurali f'każijiet ta' smigħ mill-ġdid għandhom jiġu mfissra b'mod dejjaq u litterali, sewwasew minħabba n-natura eċċezzjonali ta' dan l-istitut. Issa jekk dan japplika għal sentenzi li għaddew f'ġudikat, għandu japplika b'iżjed qawwa għal dawk il-provvedimenti (bħad-degriet taħt eżami) li ma jikkostitwux sentenza. F'każ fejn provvediment temm azzjoni mingħajr ma investiet il-mertu (degriet ta' deżerzjoni) ingħad espressament li r-rimedju tas-smigħ mill-ġdid ma japplikax għaliex b'dak il-provvediment il-kawża ma kinitx meqjusa b'hekk bħala li ġiet "deċiża" għall-finijiet tal-liġi."

21. Pożizzjoni simili kienet ġiet meħuda fid-deċiżjoni ***Anthony Ventura noe v. Michael Fenech noe*** (Appell Superjuri, 27 ta' April 2001):

"Dan ifisser illi setgħet tintalab ir-ritrattazzjoni biss fil-każ ta' kawża deċiża fil-mertu b'sentenza ta' din il-Qorti li tkun għaddiet in ġudikat. Fil-każ taħt eżami l-mertu tal-kawża ma kienx ġie deċiż minn din il-Qorti u din il-Qorti ma kienet tat l-ebda sentenza fil-mertu. Hu

> ovvju li l-istitut eċċezzjonali tar-ritrattazzjoni ma kien bl-ebda mod jipprovdi għal smiegħ mill-ġdid ta' kawża wara l-għoti ta' digriet."

22. Hekk ukoll ġie miżmum fid-deċiżjoni ***Busuttil & Busuttil Holdings Ltd v. Kummissarju tat-Taxxi Interni*** (Appell Superjuri, 16 ta' Frar 2004): «*Issa, biex ikun hemm il-possibilità ta' ritrattazzjoni quddiem il-Qorti ta' l-Appell irid ikun hemm "kawża deċiża b'sentenza mogħtija fi grad ta' appell" (Art. 811, Kap. 12). F'dan il-każ din il-Qorti ma tat ebda sentenza meta ddikjarat l-appell deżert, u għalhekk ma hemm ebda sentenza ta' din il-Qorti x'tiġi mħassra biex, wara tali tħassir, il-kawża tiġi ritrattata*». Iktar riċentement, preġudizzjali simili ġiet ikkunsidrata mill-ġdid b'fattispeċi li huma simili ħafna għal dawk li din il-Qorti għandha quddiemha llum. Id-deċiżjoni ***Gertrude Zammit v. John Mark Zammit*** (Appell Superjuri, 31 ta' Mejju 2019) kienet tirrigwarda każ fejn saret talba għal ritrattazzjoni wara li l-appell tar-ritrattand ġie dikjarat deżert u l-Qorti tal-Appell tat sentenza fuq l-appell propost mill-parti l-oħra. Dan huwa proprju dak li seħħ fil-każ tal-lum. Fir-rigward il-Qorti osservat dan li ġej:

> "Inoltrè jinħass opportun jingħad ukoll li, sabiex ikun hemm il-possibilità ta' ritrattazzjoni quddiem il-Qorti tal-Appell irid ikun hemm "kawża deċiża b'sentenza mogħtija fi grad ta' appell" (Artikolu 811 tal-Kap. 12). Issa għalkemm f'dan il-każ ingħatat sentenza, l-aggravji tal-attriċi ritrattandi ma għandhom ebda konnessjoni mal-motivazzjoni u l-parti operattiva tas-sentenza minnha kkontestata, peress li s-sentenza li qegħda tintalab li tiġi annullata, ittrattat biss l-appell tal-konvenut ritrattat. Is-sentenza in kontestazzjoni fl-ebda mument ma eżaminat jew iddeċidiet il-mertu tal-appell tal-attriċi. Ladarba l-ilmenti li ressqet l-attrici ritrattandi, ma jirrigwardawx il-mertu tas-sentenza in kontestazzjoni, dan ifisser li l-ilmenti tal-attriċi

> ritrattandi mhumiex proponibbli permezz ta' ritrattazzjoni, peress li r-raġunijiet imressqa fi proċeduri ta' ritrattazzjoni għandhom ikollhom rabta mas-sentenza in kontestazzjoni u mhux ma' aspetti oħra mhux deċiżi, li allura ma tista' ssir ebda ritrattazzjoni fir-rigward."

23. Min-naħa l-oħra, din il-Qorti taf ukoll b'xi deċiżjonijiet fejn donnu ġie miżmum il-kuntrarju. Hekk, per eżempju, fid-deċiżjoni ***Jesmond Sammut v. Peter Aquilina*** (Appell Superjuri, 6 ta' Diċembru 2002) ġie osservat:

> "Skaduta s-sena, l-appell jitqies li mar deżert u f'dan il-każ hekk gara. It-tismija tas-subartikolu (3) ta' l-art. 963 minn naħa ta' l-appellant għalhekk ma tapplikax għaliex skond is-subartikolu (6) ta' l-istess artiklu, bid-deżerzjoni jispiċċa l-appell u s-sentenza appellata ssir ġudikat. Illi għalhekk mhux aktar il-każ li l-kawża terġa' titqiegħed għas-smiegħ fuq il-lista mal-kawżi l-oħra kif jippretendi r-rikorrenti. Għandu hawn jiġi osservat ukoll li minkejja li l-atti kellhom jiġu konkjużi sad-29 ta' Novembru 2000, it-talba odjerna ta' l-appellant ġiet intavolata fl-4 ta' Lulju 2001 iġifieri aktar minn seba' (7) xhur wara li għaddiet in ġudikat. Kawża li tkun marret in ġudikat tista' tiġi ritrattata biss ai termini ta' l-artiklu 811 et sequitur tal-Kap. 12. Talba simili trid issir bi proċedura ad hoc, u b'regoli fissi. Mill-bqija ċ-ċertezza tad-dritt jesiġi li kawża li saret res iudicata ma tistax tiġi mqegħda fuq il-lista mill-ġdid fuq sempliċi talba b'rikors biex jingħata digriet contrario imperio."

24. Din id-deċiżjoni ġiet ċitata b'approvazzjoni fid-deċiżjonijiet ***AJD Tuna Limited v. Direttur tal-Agrikoltura u Sajd et*** (Appell Superjuri, 24 ta' Awwissu 2020) u ***Emanuel Cuschieri et v. Is-soċjetà Allwares Limited et*** (Appell Superjuri, 23 ta' Ġunju 2022).

25. Madanakollu eżami bir-reqqa ta' dawn l-aħħar deċiżjonijiet ċitati juri li ma hemm ebda kontradizzjoni mal-ġurisprudenza preċedentement

ċitata. Dak li ġie osservat fid-deċiżjoni ***Sammut v. Aquilina*** kien sempliċiment li dikriet ta' deżerzjoni ma jistax jitħassar *contrario imperio*, għaliex bl-effett tad-deżerzjoni d-deċiżjoni appellata tkun għaddiet in ġudikat, u l-effetti tal-ġudikat jistgħu jitneħħew biss minħabba ċ-ċirkostanzi eċċezzjonali mogħtija mil-liġi għar-ritrattazzjoni. Imkien ma ġie miżmum f'dik id-deċiżjoni li dikriet ta' deżerzjoni jista' jiġi impunjat bir-ritrattazzjoni – hija biss is-sentenza li tkun għaddiet in ġudikat li tiġi ritrattabbli, iżda dan biss għar-raġunijiet li jkunu kontemplati taħt l-Artikolu 811 u li jkunu jirrigwardaw dik is-sentenza stess.

26. Issa fil-każ odjern ir-ritrattandi qiegħdin mhux biss jitolbu t-tħassir tad-dikriet tad-deżerzjoni, iżda qed jitolbu wkoll it-tħassir tas-sentenza tal-20 ta' Ġunju 2024 li biha ġie miċħud l-appell inċidentali tar-ritrattati. Ir-raġunijiet mogħtija mir-ritrattandi però ma jirrigwardawx is-sentenza tal-20 ta' Ġunju 2024, u huma esklussivament rilevanti għall-kwistjoni tad-deżerzjoni. Huwa evidenti minn qari tal-Artikolu 811 li r-raġunijiet li huma mogħtija għat-tħassir tas-sentenza huma kollha riferibbli għas-sentenza nnifisha, jew inkella jkunu raġunijiet li direttament wasslu għall-konklużjoni kontenuta fis-sentenza mpunjata. Il-validità tan-notifika tal-avviż għall-kawtela mhijiex ċirkostanza li inċidiet fuq il-mod kif ġie deċiż l-appell inċidentali tar-ritrattati. Jista' jkun kien ikun divers il-każ kieku l-appell inċidentali ġie milqugħ minħabba li s-sentenza appellata tqieset li għaddiet in ġudikat wara d-deżerzjoni tal-appell prinċipali – hemmhekk

forsi wieħed seta' jargumenta li l-kwistjoni tal-validità tan-notifika hija ċirkostanza li inċidiet fuq il-kontenut tas-sentenza u għalhekk hija ċirkostanza li materjalment tista' twassal għar-revoka ta' dik is-sentenza. Imma l-każ li għandha quddiemha l-Qorti huwa differenti, billi fil-każ tagħna, is-sentenza tal-20 ta' Ġunju 2024 ċaħdet l-appell tar-ritrattati bl-ispejjeż, u għalhekk ma fiha ebda kap li dwaru r-ritrattandi jistgħu jitqiesu bħala sokkombenti. Huwa ċar għalhekk li l-kwistjoni tan-notifika kienet immaterjali għall-kontenut tas-sentenza tal-20 ta' Ġunju 2024.

27. Huwa miżmum fil-ġurisprudenza li ebda parti ma tista' tappella minn sentenza meta ma tkunx sokkombenti fiha (ara per eżempju ***Professur Raymond Mangion v. Whitelocke Publications Limited et***, Appell Superjuri, 31 ta' Mejju 2019), u dan il-prinċipju jgħodd tant'ieħor għar-ritrattazzjoni. Għalhekk huwa evidenti li r-ritrattandi mhux qed jimpunjaw is-sentenza tal-20 ta' Ġunju 2024, imma biss id-dikriet tad-deżerzjoni.

28. Meta wieħed iqis li r-rimedju ta' ritrattazzjoni huwa wieħed eċċezzjonali u li kwindi ma jipprestax ruħu għal interpretazzjoni estensiva, għandha tintlaħaq il-konklużjoni li l-impunjazzjoni ta' dikriet ta' deżerzjoni mhux konsentit taħt dan l-istitut tal-liġi proċedurali. Isegwi għalhekk li l-preġudizzjali sollevata mir-ritrattati hija f'lokha u għandha tiġi akkolta.

29. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda tiddeċiedi billi tilqa' l-preġudizzjali sollevata mir-ritrattati u b'hekk tiddikjara bħala improponibbli r-rikors tar-ritrattandi u konsegwentement tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tiegħu, bl-ispejjeż ikunu kollha għar-ritrattandi.

| | | |
|---|---|---|
| Robert G. Mangion<br>Aġent President | Grazio Mercieca<br>Imħallef | Mark Simiana<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da